C/2025/4951

8.9.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11966 — TOPICUS.COM / AG / ASSECO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/4951)

1. Fis-26 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Topicus.com Inc. ("Topicus.com", il-Kanada), u s-sussidjarja tagħha TSS Europe B.V. ("TSS", in-Netherlands), taħt il-kontroll aħħari ta' Constellation Software Inc. (il-Kanada),

— Adam Góral Fundacja RODZINNA ("AG", il-Polonja),

— Asseco Poland S.A. ("Asseco", il-Polonja).

Topicus.com u AG se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Asseco kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Topicus.com permezz tas-sussidjarji tagħha, toffri firxa wiesgħa ta' soluzzjonijiet kummerċjali relatati mas-software, u hija attiva, fost l-oħrajn, fis-settur finanzjarju, tal-bejgħ bl-imnut, tas-settur legali, tal-gvern, tal-proprjetà immobbli, tal-kura tas-saħħa u tas-settur awtomobilistiku,

— AG hija fondazzjoni tal-familja li għandha investimenti f'isem is-Sur Adam Góral, individwu privat,

— Asseco hija kumpannija kkwotata fil-Borża li għandha l-ishma tagħha kkwotati fil-Borża ta' Varsavja. Asseco hija l-kumpanija azzjonarja tal-Grupp Asseco, li hija attiva fis-setturi tas-software u tal-IT.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11966 — TOPICUS.COM / AG / ASSECO

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË